Ħarġa numru 20: Mejju, 2014



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Din id-darba se nislet minn artiklu ta' Costica Bradatan li deher ftit ilu fis-sit thedailybeast.com dwar il-ktieb ta' tifkiriet *The Hooligan's Return* tal-kittieb Rumen Norman Manea. F'waqt minnhom Bradatan jikteb: "As we've learned from Orwell [bħal Orwell, anki Manea ttratta t-totalitariżmu], totalitarianism is in an important sense a linguistic project; the most efficient means to control people's lives is to occupy the language they speak." Dan b'xi mod jista' japplika għas-sitwazzjoni lokali kurrenti: anki hawn f'pajjiżna ilu jinħadem proġett lingwistiku fost il-poplu tagħna. Huwa proġett fejn il-kliem u l-ħsibijiet tal-poplu jiġu okkupati kważi totalment minn attivitajiet u diskussjonijiet materjalistiċi u għalhekk fiergħa fuq livelli oħra li jistgħu jgħinu lill-istess poplu jimmatura, jikber, jaħseb b'moħħu, jara lil hinn mill-ponta ta' mnieħru u jifformula opinjoni vera li mhix eku ta' dak li jisma' kuljum fuq il-mezzi propagandistiċi tax-xandir li llum huma s-suldati tal-politika. Huwa wkoll proġett li bil-mod il-mod qed ibegħedna minn dak l-ilsien li tkellmu bih missirijietna, ilsien mibni fuq sisien sodi li kapaċi jadatta għaż-żminijiet u l-progress, imma li fil-preżent qed jiġi żarmat bla ebda rispett minn bosta li f'isem il-globalizzazzjoni qed jinżgħu minn dak kollu li jagħmilna Maltin.

Dwar il-letteratura sovversiva u l-ħakma totalitarja Bradatan jikteb: "those who ruled that world were afraid of the writers' craft because they saw it as clashing with their own linguistic project. (One can hardly pay literature a greater compliment than to deem it dangerous, be it said even in passing.)" Nistaqsi, fejn hi l-letteratura "perikoluża" llum f'Malta? Mhix il-letteratura sensazzjonalistika li tinqeda bis-sess biex tiġbed l-attenzjoni u tbigħ. Lanqas dik li tittratta problemi bħall-immigranti irregolari, il-vjolenza domestika, il-pedofilija, l-omosesswalità u l-bqija. Hi l-letteratura li tiddenunċja (għandi f'moħħi lit-Taljan Leonardo Sciascia), toħroġ għad-dawl nuqqas kbir tagħna bħala poplu: l-indifferenza u l-apatija lejl l-imgħoddi tagħna, mela lejn dak kollu li wassalna sa fejn qegħdin illum, fil-preżent; lejn dak li jiddefinixxina bħala ġens Malti.

Nispiċċa b'riflessjoni u mistoqsija f'rabta mal-għotja taċ-ċittadinanza Maltija lill-barranin li jifilħu jħallsu: ta' min l-Akkademja tal-Malti toħroġ ukoll stqarrija f'rabta ma' x'se jseħħ rigward min isir cittadin Malti b'dan il-mod... Se jigi mitlub minnu biex ikollu għarfien għallinqas bażiku tal-Ilsien Malti, l-ilsien nazzjonali? Bħala l-ogħla istituzzjoni li tiddefendi lil dan ilsienna, l-ilsien Malti, mhux dak Ingliż, inħoss li l-Akkademja tal-Malti għandha ssemma leħinha f'dan ir-rigward ukoll.

**sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

**LEJLA TA' POEŻIJA FIL-FURJANA**

Nhar l-4 ta' April l-Għaqda Poeti Maltin tellgħet Lejla ta' Poeżija fis-Sala tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fil-Furjana. Dan f'rabta max-Xahar tal-Poeżija li ġie ċċelebrat f'bosta pajjiżi matul ix-xahar t'April.

**LAQGĦA TA' KONSULTAZZJONI MILL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**

Nhar il-5 ta' April, bejn l-10.00 u 12.00, fis-Sala Castille, Grand Hotel Excelsior, fil-Furjana, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb sejjaħ il-pubblikaturi, il-kittieba, il-professjonisti u l-entitajiet privati kollha fis-settur tal-kotba sabiex jattendu għal laqgħa ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill laqa' proposti fuq l-Iżvilupp ta' leġislazzjoni fuq il-ktieb u fuq inċentivi fiskali u finanzjarji għas-settur tal-kotba.

**ORHAN PAMUK F'BOLOGNA**

Bejn is-7 u l-10 t'April il-kittieb Tork u rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura 2006, Orhan Pamuk, ta għadd ta' lezzjonijiet fl-Iskola Superjuri tal-Istudji Umanistiċi mwaqqfa minn Umberto Eco f'Bologna. Matulhom Pamuk spjega u ħareġ għad-dawl l-għejun u l-aspetti viżivi tas-sitt kotba ewlenin tiegħu. F'kull lezzjoni intwerew u ġew ikkummentati (bħal kif kienu jagħmlu l-*cantastorie* Taljani tal-Medjuevu) 25 xbieha. Orhan Pamuk twieled f'Istanbul fl-1952. Fost ix-xogħlijiet tiegħu, *The White Castle* (1990), *The Black Book* (1994), *My Name is Red* (2001), *Snow* (2004), *Istanbul: Memories and the City* (2005), *The Museum of Innocence* (2009), u *The Silent House* (2012). Id-dati fil-parenteżi juru meta ħarġu l-verżjonijiet tradotti għall-Ingliż.

**IMUT GABRIEL GARCIA MÁRQUEZ**

Nhar il-Ħamis 17 ta' April, miet f'daru f'Mexico City, il-kittieb Kolombjan Gabriel Garcia Márquez, li fl-1967 sar famuż mad-dinja kollha bir-rumanz *One Hundred Years of Solitude,* li biegħ iktar minn 20 miljun kopja. Huwa kellu 87 sena. Garcia Márquez kien esponent tar-Realiżmu Maġiku, u fl-1982 irċieva l-Premju Nobel għal-Letteratura. Intlaqa' dejjem tajjeb kemm mill-kritiċi kif ukoll mill-qarrejja, u kien ħabib kbir ta' Fidel Castro f'Kuba. Huwa ppubblika 15-il ktieb ieħor, bejn rumanzi u ġabriet ta' rakkonti qosra, fosthom *The Autumn of the Patriarch* (1975), *Chronicle of a Death Foretold* (1981), *Love in the Time of Cholera* (1985), *Memories of My Melancholy Whores* (2004), flimkien mal-ktieb ta' tifkiriet *Living to Tell the Tale* (2002). Matul ħajtu qara x-xogħlijiet ta' kittieba Amerikani bħal Hemingway, Faulkner, Twain u Melville, u oħrajn Ewropej bħal Dickens, Tolstoy, Proust, Kafka u Virginia Woolf. Studja l-Liġi imma qatt ma ggradwa, ħadem bħala ġurnalist, u bosta mix-xogħlijiet tiegħu kellhom bħala sfond storiku l-perijodu vjolenti tas-snin 40 u 50 fil-Kolombja, magħruf bħala La Violencia, li matulu mietu jew għebu iktar minn 300 elf persuna. Fl-1999 kien djanjostikat bil-kankru. Garcia Márquez ħalla warajh lil martu Mercedes u zewġ ulied, Rodrigo u Gonzalo.



**Gabriel Garcia Márquez f'għeluq is-86 sena tiegħu.**

**LEJLA F'ĠIEĦ J.J. CAMILLERI**

Nhar il-Ħamis 24 t'April ittellgħet il-*Lejla f'Ġieħ J.J. Camilleri "il-kittieb soċjo-realistiku" (1928-2012).* Dan seħħ fis-sala ewlenija taċ-Ċentru Nazzjonali Laburista. Inqraw għadd ta' poeżiji ta' Camilleri, intwerew dokumentarju u silta awdjoviżiva minn dramm bis-sehem ta' J.J. Camilleri nnifsu. Ġiet ippreżentata wkoll lil Dr Joseph Muscat l-awtobijografija *Malta li Għext Fiha* mill-Familja Camilleri. Fost il-kelliema kien hemm l-editur u l-annotatur tal-ktieb, Steve Borg. Fl-aħħarnett infetħet il-wirja tal-memoralja u arti fejn, fost oħrajn, ġew esebiti manuskritti oriġinali ta' Camilleri li ma dehru qatt.

**IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**

Is-sit uffiċjali ta' dan il-Kunsill ilu magħluq xhur sħaħ. Minflok wieħed jista' jsegwih fil-paġna tal-FB https://www.facebook.com/pages/National-Book-Council-Malta/111998682455

# L-AĦBARIJIET

## ARNOLD CASSOLA JAGĦTI L-KARTI TA' MISSIERU LIL-LIBRERIJA TAL-UNIVERSITÀ

Il-Profs. Arnold Cassola ftit ilu għadda l-karti ta' missieru, Albert Cassola, lil-Librerija tal-Università. Fost il-karti wieħed isib pubblikazzjonijiet ta' Albert Cassola, artikli mqasqsa minn gazzetti li jmorru lura sal-1929 u testi kemm ittajpjati kif ukoll miktubin bl-id. Albert Cassola twieled fl-1915 u miet fl-1974. Kiteb drammi, rumanzi, poeżiji u kanzunetti, u kien ukoll traduttur. Ix-xogħlijiet tiegħu ġew ippubblikati f'ilsna differenti. Għal bosta snin għallem il-Malti u t-Taljan fil-Liċeo tal-Ħamrun, u ngħata wkoll il-*Cavaliere Ufficiale al merito della Repubblica Italiana* mill-President Taljan Giuseppe Saragat. Il-Profs. Cassola ta lill-Università bust ta' missieru, skolpit mill-Kav. Emanuel Borg Gauci fl-1947. Apparti l-Profs. Arnold Cassola, għall-preżentazzjoni kienu preżenti Dr Bernard Micallef, il-Profs. Oliver Friggieri u d-direttur tas-Servizzi Biblijotekarji, Kevin Ellul.

## IR-RIVISTA LETTERARJA TALJANA *L'APPRODO LETTERARIO* TITPOĠĠA ONLINE

Għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-letteratura Taljana u dinjija issa jistgħu jaqraw din ir-rivista li ħarġet erba' darbiet fis-sena bejn l-1952 u l-1977 fis-sit www.approdoletterario.teche.rai.it Ir-rivista kienet twieldet bħala l-verżjoni stampata tal-programm televiżiv bl-istess isem li kien jixxandar tard filgħaxija fuq ir-RAI. Kien programm li jittratta, apparti l-letteratura, anki l-istorja, l-arti figurattivi, it-teatru u ċ-ċinema. Fih dehru ismijiet bħal Giuseppe Ungaretti, Eugenio Montale, Alberto Moravia, Gianfranco Contini, Carlo Bo, Alfonso Gatto u Mario Luzi. Fir-rivista wieħed isib saġġi, poeżiji, intervisti, u reċensjonijiet ta' natura letterarja f'rabta ma' xogħlijiet letterarji Taljani u dinjija.

## KITTIEB EĠIZZJAN WAQT IL-FESTIVAL TAL-KTIEB Fl-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Fit-30 t'April l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda tal-Malti (Università) stiednu lill-kittieb Eġizzjan Hani Shukrallah, awtur ta' *Egypt, the Arabs and the World*. Huwa kien intervistat mill-ġurnalist u kittieb Karl Schembri: Shuhrallah tkellem dwar l-aħħar ktieb tiegħu, l-esperjenzi tiegħu, ir-Rebbiegħa Għarbija u l-ġejjieni tal-Eġittu. Shukrallah twieled fil-Kajr fl-1950, kien Editur ta' *Al Ahram Weekly* taħt ir-reġim ta' Mubarak, u mhux l-ewwel darba li kellu inkwiet mal-awtoritajiet tal-pajjiż minħabba li qatt ma beża' jikxef il-verità, anki jekk kerha u tweġġa'.

## LAQGĦA MAL-GĦALLIEMA TAL-MALTI

Fit-2 ta' Mejju 2014 id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu flimkien mal-Akkademja tal-Malti organizzaw taħdita għall-għalliema tal-primarja u tas-sekondarja fuq id-diffikultajiet li jista' jkollhom fuq l-ortografija tal-Malti. Dan seħħ fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), il-Ħamrun. L-attività tmexxiet minn Dr George Farrugia, il-Viċi President tal-Akkademja u lettur fl-Università ta' Malta. Tagħrif u riżorsi oħra fuq il-lingwa Maltija jistgħu jinkisbu minn hawn: 1. is-sit uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti: http://malti.skola.edu.mt; 2. il-paġna uffiċjali tal-Akkademja tal-Malti fil-Facebook; u 3. is-sit uffiċjali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: www.kunsilltalmalti.gov.mt

## ORATORJU MINN ALFRED MASSA

Nhar it-30 t'April u nhar it-2 ta' Mejju 2014 sar l-Oratorju *Marija fil-Qalb Maltija*, miktub mill-kittieb, poeta u President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin, Alfred Massa. Il-mużika kienet tal-Maestro Hermann Farrugia Frantz, u ħadu sehem Miriam Cauchi (sopran), Marvic Monreal (mezzo-sopran), Cliff Zammit (tenur), Alfred Camilleri (baritonu) u Melina Cornish (narratriċi). L-Oratorju ttella' fil-Knisja Parrokkjali Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien, u fil-Katidral Metropolitan ta' San Pawl fl-Imdina.

# L-INTERVISTA

## Carmel Scicluna

*Carmel Scicluna twieled fl-1969. Iggradwa fil-Farmaċija fl-1992. Attenda diversi korsijiet fil-kitba kreattiva. Kien korrispondent regolari ta' għadd ta' gazzetti lokali; artikolista ta' "In-Nazzjon", u ta'* Spektrum *li wara sar* Fokus, *magazins soċjo-kulturali ta' "Il-Mument". Hu awtur ta'* Miktuba max-Xitan *(1995),* Għall-Imħabba ta' Lesbjana *(1997),* In-Nofs Mudlam *(2004),* Miss Wilma *(2011),* Lavberds *(2012),* Barney l-Ispiżjar *(2012),* Ossessjoni *(2013, li bih rebaħ l-Ewwel Premju fil-Konkors ta' letteratura indirizzata liż-żgħażagħ 2012), u* Jasmina *(poeżiji, 2013). Kien maħtur bħala wieħed mill-ġurija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-2005 għall-Premju Letterarju tal-Gvern.*

**Meta u fejn twelidt? Meta bdiet il-ħajra tiegħek biex tikteb?**

Twelidt Ħal Qormi fid-29 ta' Jannar, 1969. Il-ħajra biex nikteb bdiet bikri qatigħ. Ta' 13-il sena kont naqleb għall-Malti dak li jogħġobni bl-Ingliż, u nieħu gost nipprepara l-komponimenti. Dan l-aħħar, jien u nqalleb f'kabord, sibt ktejba fuq tifel ta' erbatax-il sena li jkollu ġibda sesswali lejn tifel ieħor. Kont ktibtha fir-Raba' Sena tas-Sekondarja.



**Għalik liema hu l-iktar importanti: il-qari jew il-kitba? Għaliex?**

L-esperjenzi qarsa, iċ-ċirkostanzi morri, il-mużi tiegħi u l-kotba li qrajt iddeċidew u se jibqgħu jiddeċiedu n-naħa mudlama f'kitbiti. Hemm misterji li ma tifhimhomx fil-ħajja. Miniex separat, imdawwar bl-imħabba, Alla jagħtini ferħ qaddis il-ħin kollu, kulma mmiss b'idi jsir tad-deheb... u safrattant fil-qiegħ tal-bir ta' ruħi hemm niket eżistenzjali kbir, enimmi, dmugħ, xenqa miġnuna għal xiħaġa ogħla minni. Id-dinja nobgħodha għax iżżarma l-misterji. Il-ħajja tal-bnedmin tqabbadni tirja kurżità. Inħossni aljen f'din is-soċjetà. Inġorr fuqi kundanna kafkeska. Fil-periferija. Ma nħobbx nitħallat u nissoċjalizza. Forsi għalhekk għamiltha l-missjoni tiegħi li nagħti vuċi lil min iħossu ħuta barra mill-ilma.

**Dik tiegħek hi letteratura li tidħol anki fl-iktar irkejjen mudlama tan-natura u l-komportament tal-bniedem. Xi tgħid dwar dan?**

Meta kelli 13-il sena kont naqra wkoll lil Stephen King għax il-kotba tiegħu l-aktar li kienu jiġu f'idejja. Għalhekk l-ewwel żewġ kotba tiegħi jirriflettu tip ta' letteratura li tinżel tajjeb man-nies għax divertenti u 'ħafifa' imma nieqsa minn dik ir-responsabbiltà lejn is-soċjetà.

L-Università kont fil-Fakultà tal-Mediċina. Imma moħħi kien dejjem fil-letteratura. Kont ġej u sejjer fl-uffiċċju tal-Profs. Friggieri għall-pariri, insegwi x'kien qed jinkiteb bil-Malti, naqra bla nifs u nesperimenta b'diversi stili.

In-*Nofs Mudlam* jesperimenta b'din li int qed issejħilha 'letteratura impenjata'. Il-letteratura li tissensazzjonalizza mhijiex ħobż għal snieni. Għadni nemmen wisq f'dik li Sartre isejħilha *littérature engagée*.

**L-assenza tal-kittieb u ħassieb veru – jew kważi – fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni. Xi tgħid dwar dan?**

L-assenza tal-kittieb u tal-ħassieb tinħass sewwa fil-mezzi tax-xandir. M'hawnx ideat ġodda ċċirkolati li huma riżultat ta' ħsieb profond u qari.

Il-mażuni Maltin ixandru ideali mażoniċi mill-oqsma tagħhom u ma jinduna ħadd. Il-politiċi jitmellħu f'wiċċ kulħadd bla biża' ta' xejn. U riħa miżża dejjem tielgħa mill-għadira tal-kompjaċenza u l-platitudnijiet! Il-pajjiż hu mejjet intellettwalment u spiritwalment.

**L-intervista sħiħa tista' tinqara f'din il-ħolqa: http://patrickjsammut.blogspot.com/2014/04/intervistat-carmel-scicluna.html**

# VALERIO

**Chales Casha**

Minn dejjem kont nitħassar lil dawk li għal xi raġuni jew oħra x'aktarx tarahom dejjem weħidhom u donnhom li ma jistgħu jagħmlu ħbieb ma' ħadd. Fil-klassi, meta kont għadni fl-iskola Primarja kellna wieħed minn dawn. Kien jismu Valerio. Ma nafx għala ommu jew xi ħaddieħor kien għażillu dan l-isem!

Fejn kont tarah, dejjem għalih waħdu u qatt ma niftakar li kien jiġi jilgħab magħna. Hekk baqa' sakemm infridna għax jien dħalt il-Liċeo u hu, li ma kienx għadda mill-eżami, kien baqa' fil-Primarja u wara s-sitt sena ħareġ mill-iskola.

Kont ili ma narah is-snin meta darba waħda ltqajt miegħu f'ħanut tal-kafé fil-Belt. Kien bilqiegħda waħdu, f'rokna tal-ħanut, qed jiekol xi pastizzi u jixrob kikkra kafé. Għaraftu malli rajtu u hu l-istess. Tbissem u stedinni noqgħod maġenbu.



Tkellimna dwar iż-żmien l-imgħoddi, dawk il-ftit snin li konna fl-istess klassi. Mingħandu sirt naf li wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu, Valerio baqa' jgħix waħdu fid-dar fejn twieled u trabba, u li wara li kien ħalla l-iskola kien mar jaħdem ma' wieħed li kellu ħanut tal-kotba l-Belt. Fuq kollox kien għadu l-istess kif kont nafu jien – dejjem waħdu u f'dawk is-snin kollha qatt ma rnexxielu jagħmel ħbieb.

"Il-ħbieb tiegħi huma l-kotba," qalli f'ħin minnhom. "Tgħidx kemm inħobb naqra, l-aktar kotba bil-Malti."

Qalli wkoll li kellu xi kotba minn tiegħi u kienu għoġbuh ħafna. Ħadt gost u meta talabni biex xi darba ngħaddi s'għandu ħalli niffirmalu dawk il-kotba, m'għedtlux le. Iktar u iktar meta qalli li kellu xi kotba bil-Malti antiki li kien xtara minn irkant meta mar ma' sid il-ħanut fejn kien jaħdem.

"Nista' niġi llum stess jekk hu komdu għalik," għedtlu għax kelli ġenn biex nara dawk il-kotba antiki.

"Kif trid," weġibni u wara li ħadna l-kafé bqajna sejrin dritt lejn id-dar fejn kien joqgħod Valerio. Ma kellux karozza u morna b'tiegħi.

"Tajjeb li jkollok karozza," qalli aħna u sejrin. "Tmur fejn trid u f'ħin qasir! Jien qatt ma tgħallimt insuq."

Meta wasalna Valerio daħħalni f'kamra mimlija kotba fejn kien iqatta' ħafna ħin wara li jiġi d-dar mix-xogħol. Kien hemm kotba fuq l-ixkafef ma' tliet ħitan tal-kamra, fuq is-siġġijiet, mal-art u kull fejn seta' jqiegħed. Fost il-kotba Maltin antiki li kellu kien hemm *L-Ilsiera tas-Sultan* ta' Dun Xand Cortis, *Il-Għarix ta' Barba Majsi* ta' Alfons Maria Galea u *X'Dinja*, rakkont storiku miktub minn Patri F. Balzafiore O.S.A. Ngħid is-sew intlift inqalleb f'dawk il-kotba u Valerio, bil-paċenzja kollha jħares lejja u kultant jgħaddi xi kumment.

Kif kien qiegħed ipoġġi dawk il-kotba f'posthom, minn fuq xkaffa waqgħet kaxxa tal-kartun u malli ħabtet mal-art infetħet. Minnha waqgħu qabda kartolini tal-Milied, tal-Għid u ta' Għeluq is-Snin.

It-tnejn tbaxxejna biex niġbruhom.

"U hawn għandek minn jibgħatlek kartolini!" għedtlu jien.

Valerio ħares lejja u tbissem.

"Lili ħadd qatt ma bagħatli kartolina!"

"Mela dawn x'inhuma?" staqsejtu jien.

"Dawk nibagħthom jien lili nnifsi. Nieħu gost insib l-envelopp fil-kaxxi tal-ittri, niftħu u nsib kartolina! Tad-daħk hux?"

"Le. Ma naħsibx," weġibtu. Kien għadu l-istess. Bla ħbieb.

Kif ħriġt mid-dar tiegħu, ħadt nota tan-numru u l-isem tat-triq u fil-Milied bgħattlu kartolina sabiħa. U hekk bqajt nagħmel kull sena, fil-Milied u fl-Għid. Jum għeluq sninu ma kontx naf meta kien!

Darba bgħattlu kartolina tal-Milied u ġiet lura. Fuqha kien hemm avviż li Valerio Caruana ma kienx għadu joqgħod f'dak l-indirizz. Qatt ma sirt naf x'kien sar minnu.

# SEĦER IL-MALTI

Yana Psaila

*Din hija l-ewwel parti minn kitba li tissokta fil-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT.*

Xtaqt naqsam magħkom l-esperjenza tiegħi mil-lenti tal-mara Russa, mis-Siberja, rigward it-tagħlim tal-Malti u x'impatt kellu dan l-ilsien fuq ħajti u l-kreattività tiegħi. Kif ukoll nuri ftit mill-poeżiji li twieldu bħala frott ta' din l-esperjenza li nista' niddeskriviha bħala Seħer il-Malti.

Mindu ġejt hawnhekk 9 snin ilu mill-bidu nett bdejt nitgħallem il-Malti biex nintebaħ bil-misteru tal-ewwel lingwa tal-pajjiż għax hi tkun xbieha tar-ruħ tal-poplu, tkun qisha maħżen tal-ħsibijiet u l-esperjenzi li għaddew minnhom in-nies matul l-istorja tagħhom u li jiriflettu ruħhom fil-vokabularju li permezz tiegħu jiġu espressi sentimenti l-aktar profondi. Pereżempju l-Kantilena, l-eqdem poeżija bil-Malti (miktuba bejn wieħed u ieħor fl-1450), tikkonferma dan għax Pietru Caxaro ma kitibhiex bit-Taljan jew bil-Latin u żgur li seta' peress li kien in-nutar, bniedem edukat, iżda esprima l-sentimenti tiegħu bid-djalett mitħaddet biss dak iż-żmien, il-lingwa l-aktar qrib l-esperjenzi tal-ħajja tas-soċjetà Maltija.




Il-metafora li tiġini f'moħħi rigward il-Malti u li użajtha f'waħda mill-poeżiji tiegħi hija "in-nifs tas-sekli li għaddew" għax wara kull kelma hemm l-istorja. Nista' nagħti eżempju interessanti li sibt fil-ktieb ta' Ġużè Aquilina *Papers in Maltese Linguistics*. Il-verb "felaħ", ġie mill-Għarbi u oriġinarjament ma kellu xejn x'jaqsam mas-saħħa fiżika iżda kien marbut mal-agrikultura. "Falaħa" fl-Għarbi jfisser "ħadem ħamrija". Ovvjament biex wieħed jaħdem fl-għalqa jrid ikun b'saħħtu u għalhekk meta mal-medda taż-żmien dal-verb tilef it-tifsira prinċipali tiegħu, baqa' marbut biss ma' ċerta kwalità fiżika li kienet importanti għal dak it-tip tax-xogħol. Tiflaħ, jiġifieri tkun b'saħħtek!

Kont nistudjah b'kull mezz possibbli, jiġifieri biex ikolli idea ċara tal-istruttura tiegħu rrikorrejt għall-ktieb tan-natura didattika bl-ispjegazzjonijiet tar-regoli grammatikali u l-vokabularju bażiċi, sirt naf lingwa formali billi kont insegwi l-aħbarijiet u dik figurattiva, bl-idjomi u l-espressjonijiet tagħha, minn xi sensiela.

Meta sirt profiċjenti biżżejjed u bdejt nikteb bil-Malti l-poeżiji, irrealizzajt li nsegwi t-tradizzjonijiet tal-poeżija Russa klassika li tkun dejjem irrimata, waqt li fil-komplament tad-dinja jiddomina l-vers ħieles illum il-ġurnata.

Għalhekk kultant jinħoloq l-effett interessanti fix-xogħlijiet tiegħi għax nikteb b'mod tradizzjonali u antik, waqt li l-vers bla rima jiġi kkunsidrat bħala wieħed modern, però ġieli nittratta t-temi moderni ħafna bħal pereżempju fil-poeżija *Lil plejboj Mediterranju* li hija naqra sarkastika u niggieża għax tiddeskrivi x'inhu jiġri meta l-plejboj tipiku Malti jittanta lil xi turista. Qaluli li din il-poeżija ħarġet oriġinali ħafna għax miktuba mill-barranija li bis-saħħa tal-lingwa integrat fis-soċjetà u b'hekk tħares lejn diversi fenomeni tagħha qisha minn ġewwa u fl-istess ħin minn barra wkoll għal osservazzjoni aktar dettaljata. Peress li ġieli jaħsbuni turista nsib ruħi f'sitwazzjoni li ttini l-opportunità nosserva l-proċess kollu u niskanta kif kull individwu jkun daqshekk prevedibbli fuq il-bażi tal-istess imġiba li tinkludi l-mossi, l-kliem u l-bqija. Nixtieq nisħaq li din il-poeżija tikkonċerna lil dawk it-tip ta' rġiel biss u mhix xi botta lil kull raġel Malti li jkun tal-affari tiegħu u b'valuri nobbli.

Bħala poetessa sibt l-ilsien Malti għani ħafna għall-kreattività għax fih imżewġin żewġ elementi differenti, Semitiku u Rumanz, wieħed jaħdem bl-affissi u z-zokk morfemiku u l-ieħor bis-sistema produttiva ħafna tal-għerq u b'hekk kull min jitkellmu għandu l-opportunità jesprimi faċilment kull sfumatura tal-ħsieb jew emozzjoni; qed nirriferi pereżempju għall-għaxar forom tal-verb trilitteru. Anke kull min iħobb jikteb bir-rima bħali jista' daqqa juża kelma Semitika, u daqqa jirrikorri għas-sinonimu tagħha tan-nisel Rumanz għar-raġunijiet metriċi u jinqeda dejjem. Pereżempju, nista' ngħid "etern" flok "dejjiem", "stilla" flok "kewkba", "lehma" flok "ispirazzjoni", eċċ. U meta nkun irrid nesprimi l-emozzjoni qawwija, nista' nuża xi kelma bil-konsonanti ħorox, is-soltu tkun ġejja mill-Għarbi, jew għall-effet oppost xi kelma ġejja mit-Taljan, melodjuża, bil-konsonanti morbidi.

Il-Malti ma baqax għalija xi kunċett astratt bħal kull lingwa barranija oħra li studjajt u li hija biss il-mezz tal-espressjoni tal-ħsibijiet iżda ħassejtu bħala xi ħaġa konkreta li tista' tiġi mlaħħma (inkarnata) permezz tal-metafora antropomorfika, dik li tagħti lil oġġett jew kunċett kwalitajiet tal-bniedem, u fil-poeżija *Lill-Prof. Manwel Mifsud* urejtu fix-xbieha tat-tifel li jitwieled, jikber u jimmatura.

# IL-POEŻIJI

**AD UN CAMPO ROVINATO**

Ti vedo ancor, in strada per la scuola,
Sì fiera verdeggiar un ben di Do,
Bagnata dal sudor del contadino,
Che non falliva mai  nel fecondio**!**

Ed anno dopo anno partorivi,
Per il mangiar legumi e verdura,
Sentendo il contadin pregar silente,
Miglior stagione per la mietitura!

Poi muore il contadin, e vedovella
Restavi, con il grembo ancor fecondo;
Ma l'avido padrone, col progresso,
Ti venne a rovinare fin in fondo!

Ed oggi tu sei sterile, negletta,
Ricolma di rifiuti, puzza, erbaccia,
Mattoni sparsi per la costruzione,
Che deve seppellire la tua faccia!

Chi passa accanto a  te non più ricorda,
Del tuo sfamar, dell'aria che hai pulito;
Contento come l'avido padrone,
Che ancor di più le tasche ha riempito!

Nessun piange per te, che Malta mia,
Guardando la tua fine, pur pensando
Qual altro campo subirà lo scempio
In mano ai suoi figli delirando!

**ALFRED PALMA**
**(Din il-poeżija rebħet it-Tieni Premju fil-Konkors *Carlo Goldoni* imniedi f'Ruma fl-1996.)**

**IX-XORTI TAT-TEWMIN**

Il-Qolla s-Safra baxxiet rasha
għall-assedju mill-bastjuni
t'aluminju u konkrit...
Il-Qolla l-Bajda żżomm sultana
ġewwa l-Qbajjar
fuq l-għadajjar melliħin,
għax jitolbu hemm ħerqana
tnax-il soru Franġiskana
minn fuq s'isfel imxiddin
iswed u abjad bħall-pingwini...
U jilagħqu x-xemx fix-xtajta
hemm sereni
imneżżgħin ġewwa l-bikini.

**J.W.PSAILA**

**MITT BEWSA U WAĦDA**

Nithenna b'bewsa waħda
minn qalb li timxi ħafja,
imma safja.

Nistmerr il-mija l-oħra
minn qalb kiesħa daqs blata,
qalb ingrata.

**CHARLES MIFSUD**

**SHE AND HE**

Happy chap
spearheads towards destiny
while in the land of hectic hopes.
He doesn't turn back...
... He doesn't pay attention
to the thump of troublesome waves
made by
inhumane chaps
who silently
try to
turn their malicious,
trouble-faced,
envious,
hateful,
standards
into his reality.
....
He does not want
at all
to wake up
through self reflection.
...
He.
...
She is there.
She is his mate.
The one and only.
And she walks away
with him.
No turning back.

**SABAHUDIN HADŽIALIĆ**
***Bosnia-Herzegovina***

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***L-EWWEL DARBA LI ĦASSEJTEK...* ta' Charles Casha, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb 2013**

Jason isir jaf li ommu qiegħda toħroġ ma' xi ħadd u din il-ħaġa tnissel fih rabja u dwejjaq. Aktar u aktar meta mingħand ħbiebu jinduna li wara kollox missieru ma kienx miet b'diżgrazzja fuq ix-xogħol imma kien hemm xi ħaġa li ma kienx jaf u li ommu u nanntu kienu ilhom jaħbu minnu. Meta Jason isir jaf il-verità kollha mingħand ommu, huwa jinqata' minn ħbiebu, jeħodha kontra ommu u jgħaddi minn esperjezni koroh u li setgħu wassluh f'tarf l-irdum. Imma fl-aħħar nanntu tgħidlu xi ħaġa li hu ma kienx jaf.

Dan ir-rumanz ta' 125 paġna rebaħ it-tielet edizzjoni (2012) tal-Konkors Letterarju "Rumanzi għaż-Żgħażagħ" organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.




***IL-POLZ LI BAQA' JĦABBAT* ta' Bertram Portelli, Pubblikazzjoni Preca, 2014.**

Dan huwa xogħol interessanti ta' awtur żagħżugħ li jittratta l-problema tat-tbatija. Il-ġrajja ddur mal-karattru ewlieni, Gabriel, li wasal biex jiggradwa mill-Università bħala inġinier. Jiltaqa' wkoll ma' tfajla li tħobbu u kollox jidher sejjer tajjeb. Iżda mbagħad, f'daqqa waħda, iqumu kontrih l-irwiefen kollha u jibda jinqalagħlu għawġ wara l-ieħor. F'dan ix-xenarju titfaċċa l-mistoqsija: Għaliex it-tajjeb ibati u l-ħażin jgħaddiha lixxa? Għaliex il-ħajja hi ħafna drabi kiefra mat-tajjeb u twajba mal-kattiv? Il-polz tal-protagonista jibda jbatti imma, għalkemm bi tbatija, jidher li se jkompli jħabbat…

Il-ktieb għandu qoxra attraenti u jkopri 220 paġna. Hu mogħni wkoll b'daħla kritika mill-Professur Oliver Friggieri. Jinsab għall-bejgħ mil-Librerija Preca u mill-ħwienet ewlenin.




***IRMIED* ta' Alfred Palma, Pubblikazzjoni Minn Taħt it-Tapit, 2013.**

Dan ir-rumanz huwa re-editjar ta' *Overdose* li ħareġ għall-ewwel darba fl-1995. Anki din id-darba *Irmied* jikxef lil Alfred Palma bħala awtur ta' narrattiva oriġinali, mhux iktar bħala traduttur (Dante, Shakespeare, Wilde u iktar) jew poeta (*Preludji*, 1993). *Irmied* iqiegħed lil Palma fil-qoffa tal-kittieba kontemporanji li jiktbu r-rumanz *osé.* Kif jikteb fil-Kelmtejn Qabel hu stess: "Kelli storja tajba, umana u fattwali, u ridt noħroġha kif suppost, bla djuq u bla kantunieri." *Irmied* għandu 113-il paġna u jinqasam f'20 kapitlu. Hawn Palma jorbot flimkien ħsus kuntrastanti bħall-imħabba fuq naħa, u t-tradiment, id-diqa u s-sens tal-ħtija fuq l-oħra. Anki hawn l-awtur jikxef l-aktar irkejjen moħbija fil-bniedem tant li nifhmu li fl-aħħar mill-aħħar dan huwa ħlejqa kumplessa immens. Nagħlaq bi kliem Palma stess fil-Kelmtejn Qabel: "qtajtha li wasal iż-żmien għat-tieni edizzjoni ta' dan ir-rumanz [...] b'isem ġdid, aktar imlaħħam u aktar 'jaħraq'...".